**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**-vs-**

**Mohamed Ahmed Ahmed Mohamed Elgamal, detentur tal-permess tar-residenza bin-numru 0266642A u passaport Eġizzjan bin-numru A15621112.**

*Kumpilazzjoni Nru. 553/2023*

Illum, 5 ta' Ġunju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Mohamed Ahmed Ahmed Mohamed Elgamal** u ċioe talli:

1. Fl-14/09/2022 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer ta' Malta, bil-ħsieb illi jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabbar biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra, u dan bi ksur tal-Kapitolu 9 Artikolu 337A tal-Liġijiet ta'Malta;

2. U aktar talli magħmul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi kiser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li dwarha mhux stabbilit reat taħt xi Artikolu ieħor ta' dan l-Att Kapitolu 217, Artikolu 32(1g);

3. U aktar talli fl-14/09/2022 jew fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-gżejjer u fl-ibħra territorjali Maltin, għen jew assista lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw li jinżlu l-art f' Malta, jew li joqgħodu ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet

ta’ dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta’ dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f’Malta, u dan għal danni ta’ Kapitolu 217, Artikolu 32 (1)(a) tal-Liġijiet ta’Malta;

4. U aktar talli stad fl-ibħra tas-Sajd Maltin ( ċioe’ fil-25 NM), mingħajr liċenzja mgħotija taħt il-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’Malta;

5. U aktar talli wettaq attivitajiet ta’ sajd fin-nuqqas ta’ liċenzja valida, u dan billi kien qiegħed jistad bil-bastiment imsemmi għall-sajd kummerċjali, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’Malta;

6. U aktar talli saq il-bastiment żgħir b’numru ta’ reġistrazzjoni VLT MFB 8078 ‘Black Beauty’, li jaħdem bil-mutur, instab li kienet qiegħda tinstaq minn persuna mingħajr liċenzja nawtika u dan bi ksur tar-Regolamenti 29 u 45, it-Tielet skeda, ta’ L.S. 499.52 tal-Liġijiet ta’ Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna l-konfiska favur il-Gvern, il-bastiment tas-sajd ‘Black Beauty’ bin-numru tar-reġistrazzjoni VLT MFB 8078, it-tagħmir tas-sajd u l-prodotti tas-sajd skond l-Artikolu 35 u l-Artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’Malta kif ukoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż skond l-Artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-26 t’April, 2023, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Għalkemm ġiet reġistrata ammissjoni anke rigward ir-raba imputazzjoni, il-fatti jindikaw li l-bastiment kien wieħed reġistrat Malta meta din l-imputazzjoni tikkontempla sitwazzjoni fejn il-bastiment tas-sajd ikkonċernat hu barrani. Fil-fatt jirrizulta mill-atti li l-bastiment li minn fuqu kien jagħmilha ta' sajjied mingħajr liċenzja tas-sajd kif ukoll meta l-luzzu ma kellux liċenzja biex iwettaq sajd, kien reġistrat mad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura bin-numru MFB8078[1].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon** il-Qorti kienet ikkunsidrat is-segwenti:[2]

> Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:
>
> "*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***<u>jew li</u>***

---

[1] **Dok.MA2** a fol.21 et seq

[2] Deċiża 19 ta' Novembru, 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

***__fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.__***[3] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi **ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza**. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[emfazi ta' din il-Qorti]

Imbagħad f'sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** ngħad:[4]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"*..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati.*"

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi għalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodiċi Kriminali mhux wieħed mill-artikoli reżi applikabbli speċifikament għall-Qrati tal-Maġistrati bl-artikolu 525 tal-Kodiċi, m'hemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonqos serjament mid-doveri tagħha jekk issib persuna ħatja ta' fatti li ma jirriżultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliġġenti.

---

[3] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)
[4] Deċiża 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba imputazzjoni minkejja l-ammissjoni tiegħu dwarha.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tal-fatt li wera bil-fatti, mhux anqas bix-xiehda tiegħu, li ried jikkoopera mal-awtoritajiet investigattivi fejn wera li hu lest jikkonferma x-xiehda tiegħu meta l-proċeduri odjerni jiġu definittivament konklużi. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, fosthom li hu ċert u indubbitat li biex tintrebaħ il-ġlieda kontra dan il-fenomenu li jisfrutta l-miżerja ta' persuni kostretti li jfittxu hajja aħjar, fejn ir-reat jitwettaq fid-dalma tal-lejl u fi klima t'omerta assoluta, hu essenzjali li persuni li kienu komparteċipi u/jew involuti f'tali għemil, kemm il-darba ma jkunux jew jibqgħu ko-imputati, jagħtu x-xiehda tagħhom.

L-għadd ta' persuni mgħejuna w assistiti biex jiddaħħlu Malta wkoll ingħata piż fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-piena.

Ġie kunsidrat li jeżisti l-konkors formali bejn l-ewwel w it-tielet imputazzjonijiet bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni. Inoltre t-tieni imputazzjoni hi alternattiva għat-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni w tillibera lill-imputat mir-raba imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31 u 337A u l-ewwel *proviso* tal-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 8 u 30 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, l-Artikolu 32(1)(a) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 25 u 45 u t-Tielet Skeda tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar, L.S. 499.52, isib lill-imputat ħati fuq il-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-perijodu ta' **sena (1) priġunerija w multa ta' ħames mitt ewro (€500) Ewro.**

Minn dan it-terminu ta' priġunerija għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-każ.

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi m'għandhiex tordna l-konfiska kontemplata bl-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425 tal-liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**